



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10163/23

TRANS 225
FIN 589

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9662/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 08/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Trasport intermodali tal-merkanzija: L-UE għadha 'l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (1 ta' Ġunju 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Trasport intermodali tal-merkanzija: L-UE għadha 'l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq", kif approvati mill-Kunsill TTE fil-laqgħa tiegħu li saret fl-1 ta' Ġunju 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:**

"Trasport intermodali tal-merkanzija:

L-UE għadha 'l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 08/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat *"Trasport intermodali tal-merkanzija: L-UE għadha 'l bogħod milli tittrasferixxi l-merkanzija lil hinn mit-toroq"*.
2. JIRRIMARKA li r-Rapport jivvaluta l-effettività tal-appoġġ regolatorju u finanzjarju tal-UE għat-trasport intermodali tal-merkanzija mill-2014 u JINNOTA li l-awditu twettaq f'seba' Stati Membri u eżamina kampjun ta' 16-il proġett.
3. JISSOTTOLINJA li l-promozzjoni ta' bidla lejn trasport aktar sostenibbli tibqa' objettiv ewlieni tal-politika tat-trasport tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-oġġettivi klimatiċi stabbiliti għall-2030 u l-2050 kif ippreżentati fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku u l-Liġi Ewropea dwar il-Klima u enfasizzati aktar fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli.
4. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2016 dwar ir-Rapport Speċjali 8/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri *"It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba"*¹; fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata *"Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur"*²; u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 dwar *"Il-Ferroviji fuq quddiem nett tal-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli"*³.

¹ 13231/16

² 9324/21

³ 8790/21

5. JAPPOĠĠA bidla modali fit-trasport mit-toroq għall-ferroviji, it-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u JENFASIZZA l-benefiċċji tal-użu akbar tat-trasport intermodali li jikkontribwixxi għal sistema tat-trasport tal-merkanzija aktar sikura, aktar reżiljenti u aktar ekoloġika li tista' ttaffi wkoll il-pressure fuq it-toroq ikkonġestjonati tal-UE.
6. IFAKKAR fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri politiċi nazzjonali u tal-UE ta' dawn l-aħħar snin li għandhom l-għan li jtejbju l-prestazzjoni tat-trasport sostenibbli tal-merkanzija f'termini ta' volumi ttrasportati u l-proporzjon akbar tas-sehem modali.
7. JAGĦRAF, madankollu, li huma meħtieġa sforzi msaħħa fl-approċċ lejn trasport tal-merkanzija aktar sostenibbli hekk kif l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jkomplu jiżdiedu.
8. JILQA' l-allinjament propost tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport li ser jissostitwixxu l-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija u l-Kurituri tan-Network Ewlieni filwaqt li jiżguraw aktar koerenza fl-iżvilupp tan-network u jikkontribwixxu għal sinerġiji bejn l-infrastruttura u l-aspetti operazzjonali tan-network.
9. JISTENNA li t-tlestija tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), l-użu mifrux tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali ser iwasslu għal sistema intermodali tat-trasport aktar effiċjenti, inqas għalja u integrata aħjar, biex b'hekk ikun jista' jtkompla t-tkabbir tat-trasport intermodali tal-merkanzija.
10. JIRRIKONOXXI li l-infrastruttura meħtieġa, bħat-terminals tat-trażbord, hija komponent ewlieni fil-kisba tal-bidla modali.

11. JIRRIKONOXXI li ammont sinifikanti ta' finanzjament sar disponibbli mill-UE taħt il-FEŻR/FK, il-FNE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u mill-Istati Membri b'appoġġ għal proġetti ta' trasport multimodali, IFAKKAR, madankollu, li l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport intermodali tal-merkanzija u l-vetturi ferrovjarji jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'riżorsi finanzjarji xierqa fil-livell tal-UE kif ukoll mis-settur privat u mil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiġu żgurati t-tħaddim u l-manutenzjoni adegwati tan-network tat-trasport pubbliku.
12. JISTENNA B'INTERESS l-inizjattivi li ġejjin li jistgħu jipprovdu opportunità ulterjuri biex tinbena sistema tat-trasport intermodali tal-merkanzija integrata aħjar, aktar sostenibbli u aktar kompetittiva fl-UE.
